# Awdjo: Inkanta ħafja … biex nibqa' saqajja mal-art – Emmelie de Forest

Minn **George Cremona** - 8 ta' Frar 2014 10:20 AM

F'intervista esklussiva li tat lil Newsbook.com.mt ilbieraħ Emmelie de Forest, il-kantant Daniża t'għoxrin sena spjegat kif u għaliex tkanta dejjem ħafja fuq il-palk. Temmen li huwa mod li permezz tiegħu tfakkar lilha nnifisha li fil-ħajja, tilħaq kemm tilħaq suċċess, għandha żżomm dejjem saqajha mal-art.

Ir-rebbieħa tal-Festival Ewroviżiv 2013 spjegat ukoll kif ħajjitha nbidlet minn meta rebħet il-festival Ewroviżiv sa llum. B'umilta kbira stqarret li r-rebħa mhux biss ġabitilha suċċessi kbar imma għenitha tifhem kemm fil-ħajja wieħed għandu jitgħallem minn dawk ta' madwaru u jħares 'il quddiem b'determinazzjoni.

De Forest hija l-mistiedna speċjali tal-Malta Eurovision Song Contest 2014. Illejla – fuq xewqa tagħha stess se tkanta mal-14-il finalist li minnhom se tingħażel il-kanzunetta li tirrappreżenta lil Malta fid-Danimarka.

L-intervista sħiħa tixxandar għada filgħodu fil-programm F'Min Qed Taħseb? fuq Radju RTK bejn l-10am u 12pm. Fil-programm t'għada se jiġi analizzat il-Festival ta' din is-sena bil-parteċipazzjoni tal-kantanti rebbieħa. Intant illum ukoll Newsbook.com.mt jibqa' jżommkom aġġornati kontinwament minn ta' Qali bl-aħħar żviluppi, kummenti u riżultati tal-festival.

Ħalli kumment b'ismek u kunjomok.

**George Cremona**

Former Newsbook Journalist